



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 53/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-440/23 | European Lotto and Betting u Deutsche Lotto- und Sportwetten

Il-logħob tal-ażżard online: id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lil Stat Membru milli jipprojbixxi ċerti servizzi online awtorizzati fi Stati Membri oħra u milli jislet il-konsegwenzi ċivili ta' din il-projbizzjoni

Konsumatur jista' jitlob il-ħlas lura ta' mħatri mitlufa mingħand operatori stabbiliti fi Stat Membru ieħor, meta l-logħob inkwistjoni kien ipprojbit fl-Istat ta' residenza tiegħu

Żewġ kumpanniji stabbiliti f'Malta, detenturi ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, joffru fuq l-internet logħob fuq slot machines virtwali kif ukoll imħatri fuq ir-riżultati tat-tluġħ ta' lotteriji. Is-servizzi tagħhom kienu aċċessibbli, b'mod partikolari, fil-Ġermanja. Bejn Ġunju 2019 u Lulju 2021, ġugatur residenti l-Ġermanja uża dawn is-servizzi u tilef diversi imħatri.

Fiż-żmien tal-fatti, id-dritt Ġermaniż kien, bħala prinċipju, jipprojbixxi l-logħob tal-ażżard online. Ċerti attivitajiet limitati biss kienu permessi, bħall-imħatri sportivi u fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel kif ukoll ċerti lotteriji. Mill-banda l-oħra, il-logħob fuq slot machines virtwali u l-imħatri fuq ir-riżultati tat-tluġħ ta' lotteriji kienu jaqgħu taħt il-projbizzjoni. Il-ġugatur għalhekk ressaq azzjoni għall-ħlas lura tas-somom mitlufa. Sussegwentement, id-drittijiet tiegħu ġew ittrasferiti lil kumpannija, li komplet din l-azzjoni quddiem qorti Maltija.

Dik il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip meta l-operatur ikollu liċenzja fi Stat Membru ieħor. Hija tistaqsi wkoll dwar l-effetti ta' riforma ulterjuri tad-dritt Ġermaniż, li ssostitwixxiet il-projbizzjoni ġenerali b'sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, kif ukoll dwar il-possibbiltà li tiġi rrikonossuta n-nullità tal-kuntratt u li jiġi ordnat il-ħlas lura tal-imħatri mitlufa.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-organizzazzjoni online tal-logħob tal-każinò, tal-logħob fuq slot machines u ta' ċerti mħatri**, bħall-imħatri fuq ir-riżultati tat-tluġħ ta' lotteriji, bil-għan li l-attività tal-logħob tiġi ggwidata lejn sistemi kkontrollati u li jiġu miġġielda s-swieq paralleli. Hija ddeċidiet ukoll li **d-dritt tal-Unjoni la jipprekludi li jiġu rrikonossuti l-konsegwenzi legali ta' tali projbizzjoni minkejja l-introduzzjoni sussegwenti ta' sistema ta' awtorizzazzjoni, la jipprekludi n-nullità tal-kuntratti konklużi bi ksur ta' din il-projbizzjoni, u lanqas jipprekludi azzjoni ċivili għall-ħlas lura tal-imħatri mitlufa**.

Il-logħob tal-ażżard online jikkostitwixxi servizzi fis-sens tat-Trattati tal-Unjoni, u l-libertà li jiġu pprovduti tista' tiġi ristretta għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ordni soċjali. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni u fid-dawl tad-diverġenzi morali, kulturali u soċjali bejn l-Istati Membri, huma għandhom marġni ta' evalwazzjoni sabiex jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni mfittex.

Leġiżlazzjoni intiża li tidderieġi l-intent tal-logħob lejn sistemi kkontrollati u li tiġġieled kontra s-swieq paralleli tfittex għanijiet leġittimi. F'dan ir-rigward, il-logħob online jippreżenta riskji speċifiċi ikbar meta mqabbla mal-logħob fi

stabbiliment fiżiku, marbuta b' mod partikolari mal-aċċess permanenti, mal-iżolament u mal-anonimat tal-ġugatur, mal-assenza ta' kontroll soċjali, mal-frekwenza potenzjalment illimitata u mal-attraenza tiegħu għaż-żgħażaġħ u għall-pubbliku vulnerabbli.

F'dan il-kuntest, Stat Membru jista' jipprojbixxi l-logħob tal-każinò online, inklużi l-islot machines, kif ukoll ċerti mħatri online, filwaqt li jawtorizza forum oħra ta' logħob, inkluż fi stabbiliment fiżiku, jew jissuġġetta ċertu logħob online għal sistemi distinti. La l-eżistenza ta' domanda kunsiderevoli min-naħa ta' ġugaturi ta' slot machines online u lanqas il-fatt li l-operatur ikun legalment stabbilit u kkontrollat fi Stat Membru ieħor li jfittex għanijiet simili ma huma biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li tali projbizzjoni hija inkoerenti jew mhux xierqa, peress li kull Stat jibqa' liberu li jstabbilixxi l-livell ta' protezzjoni rispettiv tiegħu.

Is-sostituzzjoni sussegwenti, fil-Ġermanja, mill-1 ta' Lulju 2021, ta' projbizzjoni ġenerali b'sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma taffettwax, fiha nnifisha, il-koerenza jew il-validità tas-sistema preċedenti, peress li tali żvilupp jista' jaqa' taħt politika ta' espansjoni kkontrollata intiża sabiex tidderieġi lill-ġugaturi lejn offerta awtorizzata. Bl-istess mod, l-istabbiliment ta' perijodu tranżitorju ma jipprekludix li jinsiltu, għall-perijodu preċedenti, il-konsegwenzi ġuridiċi tal-projbizzjoni li kienet fis-seħħ dak iż-żmien.

Id-dritt tal-Unjoni għalhekk ma jipprekludix, bħala prinċipju, il-konstatazzjoni tan-nullità ta' kuntratt konkluż bejn konsumatur u operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor dwar servizzi pprojbiti fl-Istat tal-konsumatur.

Fl-aħħar nett, l-azzjoni għall-ħlas lura tal-imħatri mitlufa ma hijiex kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni. In-nullità tal-kuntratt u l-effetti tagħha jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali applikabbli, f'dan il-każ id-dritt Ġermaniż. Peress li l-leġiżlazzjoni hija kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din in-nullità tikkostitwixxi l-konsegwenza tal-illegalità tal-kuntratt. Il-parteċipazzjoni tal-konsumatur f'dan il-logħob, minkejja l-eżistenza ta' liċenzja fi Stat Membru ieħor, ma hijiex biżżejjed sabiex tikkaratterizza abbuż ta' dritt fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-konstatazzjoni ta' eventwali *mala fide* f'dan ir-rigward taqa' taħt id-dritt nazzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

